MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2010

Avviz Numru. 51/2008

**Arthur Perici (189772M) u**
**Romina Perici Ferrante (80274M)**

**Vs**

**Charlot Caruana (422374M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundanant li jhallas lill-istess rikorrenti:

(i) l-ammont ta’ ghaxart elef, seba’ mija u tnejn u sittin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€10,762.83) ekwivalenti ghal erbat elef, sitt mija u ghoxrin Lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm4620.48) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovut lir-rikorrenti a tenur tal-ftehim anness u markat Dok A; u

(ii) l-imghaxijiet dekorribbli mid-dati kontenuti fil-ftehim anness u markat Dok A li sa mhux aktar tard minnhom kellhom isiru l-pagamenti.

B'riserva ghal kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti ghall-ammonti illi sal-lum ghadhom mhux dovuti a tenur tal-ftehim de quo u cioe' s-sommom pagabbli sal-5 ta' Marzu 2008, 5 ta' April 2008, 5 ta' Mejju 2008, 5 ta' Gunju 2008 u 5 ta' Lulju 2008 u ghal kull azzjoni ohra illi tista' tkun spettanti lilhom ghall-hlas ta' penali imponibbli skond l-istess ftehim; u

Bl-ispejjez kontra l-intimat illi gie ngunt ghas-subizzjoni, inkluz l-ispejjez tal-mandat ta' qbid kawtelatorju ta' qbid bin-numru 421/08.

Rat l-imsemmi dokument markat <u>Dok A</u> a fol 2 sa fol 5 tal-istess atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 13 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-atturi kienu assocjati mal-konvenut f'negozju li kien jinvolvi r-riciklagg ta' prodotti tal-karta u tal-kartun intiz ghall-esportazzjoni liema assocjazzjoni kienet diga' tat lok ghall-ordinijiet mill-klijenti barranin u ghall-inkass ta' qliegh relatat ma dawna l-ordinijiet, meta l-konvenuti (korrettament: l-atturi/rikorrenti) b'mod l-aktar arbitrarju u minghajr ebda raguni valida irtiraw minn dina l-assocjazzjoni bil-konsegwenza li intilfu ordinijet ulterjuri b'mod li l-eccipjent garrab danni ingenti u ghalhekk hemm lok ghall-kumpensazzjoni.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza spejcalment dak verbalizzat a fol 23, 24, 25 u 26 tal-istess atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, minnufih jinghad illi l-konvenut ma gab ebda prova dwar dak eccepit minnu a fol 13 tal-atti. Dwar dan jkun

opportun li ssir referenza ghal dak verbalizzat a fol 23 sa fol 26 tal-istess atti.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tal-atturi xehdu l-istess kif jidher a fol 18 u fol 22 ibid, u mill-istess xhieda jirrisulta illi l-atturi w il-konvenut kienu ser jaghmlu negozju bejniethoom ta' 'waste management' u ghal dan il-ghan l-istess atturi kienu taw ammont ta' flus lill-konvenut '… pero ma wasalniex ghal ftehim sabiex tinfetah kumpanija'. Minhabba hekk, kien sar ftehim bejn l-istess partijiet '… sabiex ninghataw il-flus lura', liema flus u l-ammont mitlub fir-rikors promotur. In rigward dan il-ftehim kopja tieghu giet annessa mal-atti u tinsab a fol 2 ibid waqt li l-original jinsab esebit u anness a fol 19. Minn dan id-dokument, jirrisulta li l-konvenut iddikjara ruhu bhala veru, cert u likwidu debitur ('kostituzzjoni ta' debitu') fis-somma ta' Lm7,154 ossija €16,664 u dan versu l-atturi. Dan l-ammont kellu jithalas ratealment kif jinghad fil-klawsola 2(1) tal-istess konkluzzjoni ta' debitu u skond il-pjan ta' pagament anness mal-istess ftehim u li jinsab a fol 5 tal-atti (ara, ukoll, il-klawsola 2(b) a fol 19 ibid dwar morozita fil-pagamenti).

Illi, mill-premess jidher li l-konvenut ghadu, sad-data tal-presentata tar-rikors in esami, ma hallasx l-ammont pretiz fl-istess rikors u ammontanti ghal €10,762.82 ossija Lm4,620.48).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti u tikkundanna lill-konvenut/intimat sabiex jhallas lill-istess rikorrenti s-somma ta' Lm4620.48 ossija €10,762.83 bl-imghax legali dekorribbli 'a scaletta' skond l-imsemmija klawsola 2a u l-pjan ta' pagamenti a fol 5 tal-atti sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 421/08. B'riserva ghal kull azzjoni dwar ammont, ulterjuri dovuti lir-rikorrenti inkluzi in rigward hlas ta' penali imponibbli skond l-imsemmi ftehim.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------